~~ħna huma tar-Rhieb Griegi u l-itfal tar-raħal, li qegħdin jitħejjew għall-għasar ta' fil-għaxija. Dawna jilqgħuk bil-ferħa, iduru bik mill-aħjar li jistgħu, u juruk kif jaħdmu x-xbiehat tal-qaddisin li jinbagħtu ma' Ċipru kollha. Ix-xbiehat li jaħdmu dawna, ikunu qishom kollha titnijiet jew kopji ta' xbiehat qodma fost dawk li jkunu maħdumin bis-sengħa u jnisslu qima. Mid-Dejr tidħol il-knisja fejn tara għadd kbir ta' xbiehat, uħud minnhom jidhru li huma qodma għall-aħħar. Minn hemm toħrog fil-bitħa, li hi mdawra bil-ħnejjiet u tħares lejn il-knisja, minn barra, u tara l-koppla mkaħħla, fuq tabar għoli, minfud minn twieqi dojoq u tawwalija. Il-ħamiem jittajjar fuq il-koppla u l-kanpnar, li bit-taħrik tiegħu jagħti lil din id-dehra ftit tal-ħajja.~~

~~Titlaq minn hemm, minn triq ftit imħarbta, bil-ħsieb ta' San Pawl u San Barnaba quddiem għajnejk. Tassew li t-tifkiriet tagħhom kien jistħoqqilhom li jkunu aktar meqjuma f'Ċipru, għax bis-saħħa tagħhom dik il-gżira ħadet ħajja oħra, imma hu kif inhu, meta tqis ħaġa ma' ħaġa, tifhem li saħansitra tifkiriet ħfief, kif inhuma issa, għandhom ukoll is-siwi tagħhom.~~

~~*B. Bellarminu Bagatti, O.F.M.*~~

# AĦBARIJIET TAL-ART IMQADDSA

**Il-Bażilka ta' Nazaret** — Kif ħabbarna aktar minn darba f'dan il-Qari, il-knisja żgħira li kien hemm f'Nazaret fuq id-Dar Imqaddsa tal-Madonna, mibnija bil-għaġla fi ftit xhur mill-Franġiskani, inħattet, u fi mkienha sejra tinbena Bażilka kbira. Għal dan il-għan kien mibgħut minn Ruma l-Arkitett Giovanni Muzio, wieħed mill-aqwa Inġinjeri ta' l-Italja, dak in-nifsu li ħażżeż il-pjanta u ħadem il-mudell. Ix-xogħol ma jdumx ma jinbeda, u l-Arkitett Muzio qabbad biex jgħinuh ukoll nies imħarrġin fil-għelm u fis-snajja' biex ix-xogħol ikun ta' darba u joħroġ tajjeb minn kull imkien.

**Elf ruħ se jitilqu minn Kana** — Fir-raħal tal-Galilija qrib Nazaret, jismu Kafar Kanna, fejn Kristu biddel l-ilma f'inbid, saret ġlieda kbira bejn żewġ ħamulliet jew razez, il-ħamula ta' Għabbas, u l-ħamula ta' Ħatib. Ix-Xiħ jew sindku tar-raħal, biex ma joqgħdux jagħmlu ħsara lil xulxin, kif inhi d-drawwa tal-Għarab, wissihom li jitilqu minn hemm u jmorru jgħammru fi rħula oħra bgħid minn xulxin. Għal dan issa sejrin ibiegħu r-raba li għandhom qrib Kana u jiġbru mielhom u jitilqu minn hemm.

**Is-safra ta' Melek Husejn** — Ir-re, jew kif jgħidulu huma "Melek" tal-Ġordanja siefer safra ta' xahrejn u issa raġa lura fil-pajjiż. Meta kien l-Amerka stiednu għandu l-Kardinal Spellmna u tah ċekk ta' ħamest elef dollar biex iqassamhom lill-foqra tal-Ġordanja. Meta l-Melek mar Ruma żar żjara lill-Qdusija Tiegħu l-Papa u dam jitħaddet miegħu ħin twil.

**Il-Lhud u l-"Għaqda l-Qadima"** — F'gazzetta msemmija "The Bible Bulletin" issemma li s-sena l-oħra 1958 nbiegħu kotba tal-Bibja fl-ilsna kollha tad-dinja, mill-anqas ħamsa u għoxrin miljun (25,000,000). Għal dan xi kit-

tieba Lhud kitbu fil-gazzetti ta' Israel u ħajru lill-Ħakma tagħhom biex tiftaħ kawża fil-Qorti Internazzjonali ħalli jingħata lil-Lhud il-jedd tal-"Copyright", billi l-"Għaqda l-Qadima" kienet miktuba kollha mil-Lhud. Hekk il-Lhud iridu jibdlu fi flus il-Ktieb tal-Kelma t'Alla.

**Patrijarka ġdid tal-Qoptin** — Patrijarka ġdid tal-Qoptin-Ortodossi laħaq Abuna Qommos Mena l-Barmusi, li aktarx jieħu l-isem ta' Kirillos VI. Il-ħatra tiegħu saret il-Kajr. Il-ħatra ssir hekk: jingħażlu tliet irħieb u jinkiteb isimhom fuq tliet biċċiet karti u jitqiegħdu ġewwa żir. Iż-żir jitqiegħed fuq l-artal waqt il-Quddiesa l-Kbira, u wara l-quddiesa jinġieb tifel ta' seba' snin li jdaħħal idu fiż-żir u jtalla' biċċa minn dawk il-karti. L-isem tar-Raħeb li jkun fuq il-karta, dak isir Patrijarka. Il-Qoptin ilhom mingħajr Patrijarka mit-13 ta' Novembru 1956, meta miet il-Patrijarka l-ieħor, Jussaf II.

**Il-Lhud u l-Liturġija Kattolko**—Fil-zazzetta tal-Partit tal-Ħaddiema ta' Israel, imsemmija "Dabar", wieħed kittieb, H. Shorer, faħħar l-imġieba tal-Papa Ġanni XXIII, billi neħħa mil-Liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira l-kliem *"perfidis Judaeis"*, u ħajjar biex bħala ħlas, jitneħħew mill-ktieb tat-talb Lhudi l-kelmiet "Ixħet fuq il-Ġojim (l-Insara) il-qilla tiegħek". Imma l-gazzetta tal-Partit Dini tal-Lhud, li jisimha "Ħa-Żofe" fl-artiklu tal-Editur, maqdret bl-aħrax din it-tnebbiħa, u qalet li dan ma għandux isir, wara li ftit tas-snin ilu, l-Insara, bil-ħalla tal-knisja tagħhom, qatlu sitt miljuni ta' Lhud fil-Ġermanja.

Ara x'għandha x'taqsam il-Knisja Kattolika man-Nażiżmu- Anqas jafu x'ikunu jgħidu.

**Malta — Żjara ta' Patri Ġużepp Cremona** — F'Lulju li għadda, Patri Ġużepp Cremona, O.F.M., tat-Terra Santa, kif kien sejjer Ruma, għadda Malta u qatta' hawnhekk ġimgħa. Patri Cremona huwa wild tal-Eġittu, imma għandu zijietu u wliedhom hawn Malta. Iż-żmien għaddieh iżur lil niesu, kif kien xieraq, għal hekk ma kellux żmien jiktbilna xi ħaġa għal dal-"Qari". Imma wegħdna li jiktbilna 'l quddiem.

**Grazzja tal-Madonna tal - Kalvarju**
Teresa Teuma bagħtitilna nofs lira (10/-) biex nibgħatuha Ġerusalem bħala tiżżija ta' ħajr tal-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Kalvarju, billi fieqet minn marda li kellha. J'Alla l-Madonna tibqa' tħarisha minn kull hemm.

---

## KLIEM TA' ĠAĦAN

Darba kien hemm wieħed ħabib ta' Ġaħan u staqsieh: "Ġaħan, int taħt liema mħalla ta' kwiekeb twelidt?"

"Taħt l-imħalla tal-bodbot", wieġbu Ġaħan.

"Ma jistax ikun" wieġbu dak; "ma hemmx imħalla tal-bodbot".

"Biex ingħidlek sew," raġa' Ġaħan, "jien twelidt taħt l-imħalla tal-gidi, imma bħal ma jien kont tarbija u issa, li għandi erbgħin sena, sirt raġel, hekk ukoll il-gidi, minn erbgħin sena 'l hawn, minn gidi kiber u sar botbod."

✝

# REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imsehbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

MALTA

RABAT: Paola Galea, Giovanni Galea, Agostino Dimech, Giovanna Dimech, Paolo Tonna, Maria Tonna, Carmelo Tonna, Vittoria Tonna, Carmelo Demanuele, Rosy Deguara, Emily Demanuele, Antonio Demanuele, Enrico Demanuele, Maria Demanuele, Maria Demanuele, Carmelo Deguara, Domitilla Cutajar, Maria Cutajar, Felice Ebejer, Giuseppe Cutajar, Maddalena Cutajar, Angiolina Debattista, Felice Cutajar, Anna Vassallo, Salvatore Vassallo, Antonio Vassallo, Maria Stivala, Albert Vassallo, Anna Vassallo, Cataldo Stivala, Lorenza Vassallo.

KOSPIKWA: Giuseppe Ellul, Giuseppe Desira, John Cassar, Anna Maria Cassar, Emmanuele Cassar, Emmanuele Busuttil, Giovanna Busuttil, Carmelo Busuttil, Giuseppe Galea, Carmelo Mizzi, Franky Baldwin, Ugo Zammit, Elma Spiteri, William Helmitt, Maria De Giorgio, Paolo De Giorgio, Carmela Ellul, Michele Ellul, Enrico Abela, Enrico Bonello, Antonio Cachia, Maria Cachia, Paolo De Giorgio, Emmanuele Stivala, Francesco Camilleri, Lorenza Camilleri, Salvina Buhagiar, Emmanuele Cremona, Paolino Cremona, Giuseppa Jones, Giuseppina Ellul, Giuseppina Grima, Giuseppe Grima, Franz Ellul, Giuseppe Grima, Catarina Grima, Mary Abela, Ester Bonello, Catarina Spiteri, Emmanuele Spiteri, Giovanni Baldacchino, Carmela Baldacchino, Grezzju Baldacchino, Lorenzo Baldacchino, Cajetana Baldacchino, Lolly Portelli, Carmelo Portelli, Maria Portelli, Paolo Portelli, Gesuarda Portelli, Alfredo Borg, Anna Borg, Arturo Borg, Emilia Borg, Mary Baidny, John Bondi, Lorenzo Chircop, Maria Chircop, Giuseppa Frendo, Achille Dimech, Giuseppe Fiorentino, Maria Fiorentino, Carmelo Cauchi, Paola Piscopo, Giuseppe Piscopo, Giuseppe Debono, Maria Debono, Lorenza Cutajar, Giuseppe Debono, Concetta Grima, Giovanna Grima, Giuseppe Grima, Emmanuele Schembri, Nerico Garritt, Giuseppe Mallia, Antonia Mallia, Catarina Grima, Francesco Grech, Paolo Grima, Censina Grima, Patrick Grima, Antonia Grich, Giuseppe Grech, Teresa Zarb, Raffaela Gatt, Salvatore Gatt, Salvatore Zarb.

SIGGIEWI: Giorgo Chircop, Nicola Borg, Spiru Borg, Valentino Cachia, Vincenza Aquilina, Maria Anna Aquilina, Benedetto Bugeja, Angelo Delia, Carmela Delia, Nicola Vassallo, Grazia Vassallo, Maria Anna Vassallo, Giuseppe Vassallo, Carmelo Vassallo, Costanza Delia, Nicola Delia, Giuseppa Vassallo, Nicolina Cutajar, Michele Cutajar, Paola Attard, Francesco Attard, Nicola Pace, Antonio Pace, Giuseppe Calleja, Margherita Calleja, Giuseppe Saliba, Salvatore Bonello, Paola Bonello, Nicola Farrugia. Paolo Farrugia, Rosa Farrugia, Peter Farrugia, Rosina Aquilina, Michele Aquilina, Maria Farrugia, Paolo Farrugia, Catarina Muscat, Salvatore Muscat, Giuseppe Muscat, Anna Muscat, Angelo Muscat, Giuseppe Muscat, Antonio Muscat, Giuseppe

Muscat, Maria Muscat, Maria Anna Bonello, Giovanna Abela, Nicolina Cachia, Andrea Cachia, Salvatore Mangion, Agostino Mangion, Maria Micallef, Francesco Micallef, Michele Micallef, Carmela Micallef, Anna Micallef, Giuseppa Micallef, Anna Buhagiar, Michele Tanti, Rosa Tanti, Giovanni Galea, Paola Abdilla, Antonia Abdilla, Carmela Farrugia, Andrea Aquilina, Veneranla Aquilina, Nicola Aquilina, Salvatore Schembri, Nicolina Schembri, Antonio Schembri, Michele Mifsud, Giuseppa Mifsud, Maria Mifsud, Giuseppe Mifsud, Felicia Agius, Innocenzo Agius, Benedetto Mifsud, Anna Mifsud, Carmela Zammit, Giuseppe Zammit, Nicola Zammit, Maria Assunta Agius, Ruggiero Agius, Gianmaria Formosa.

SANTA VENNERA: Maria Camilleri, Vincenzo Pace

LUQA: Andreana Mizzi.

GHARGHUR: Bartolomeo Aquilina.

HAMRUN: Giuseppa Xerri, Carmela Xerri, Censina Camilleri, Spiro Camilleri, Rocco Camilleri, Maria Buhagiar, Paolo Vella, Emmanuela Caruana, Joseph Caruana, Giuseppe Mallia, Edoardo Mallia, Mary Sammut, Victor Sammut, Cajetano Mangion, Salvatore Refalo, Marianna Fsadni, Carmelo Barbara, Giuseppe Butigieg, Concetta Butigieg, Alessandro Magri, Francesco Magri, Giovanni Magri, Filippa Attard, Gaudenzia Attard, Andrea Attard, Calcedonio Attard, Carmelo Attard, Grezia Mallia, Modesta Camilleri, Publio Micallef, Saveria Micallef, Antonio Camilleri, Giuseppe Micallef, Giuseppe Maistre, Paolina Maistre, Maria Bugeja, Lucrezia Deguara, Giovanni Deguara, Maria Mifsud, Spiridione Mifsud, Annetta Maxfield, Salvatore Bajala, Concetta Bajada, Teresa Psaila, Carmela Mifsud, Don Enrico Perez, Dun Gużepp Vella, Carmela Mifsud, Vincenzo Mifsud, Francesco Mifsud, Emmanuele Mifsud, Rosina Bezzina, Giuseppe Bezzina, Paola Zahra, Franz Zahra, Felice Vassallo.

MOSTA: Giuseppe Camilleri,, Giovanni Vella, Giuseppe Camilleri, Francesco Fenech, Carmelo Camilleri Carmela Galea, Gianmaria Galea, Giuseppe Galea, Filomena Muscat.

FLORIANA: Victor Naudi, Elisabeth Naudi.

BIRKIRKARA: Antonio Scalpello, Emilia Scalpello, Carmelo Zammit Giuseppa Zammit, Emmanuela Zammit, Anthony Mercieca, John Mercieca, Giuseppe Mercieca, John Vella.

VALLETTA: Rosina Bonnett Carmelo Bonnett, Giuseppe Bonnett

LIJA: Giuseppe Buhagiar, Veneranda Buhagiar, Emmanuela Buhagiar.

MELLIEHA: Maria Gauci, Paolo Gauci, Anna Gauci, Vincenzo Gauci.

SENGLEA: Catarina Trapani Spiridione Baron, Catarina Darmanin Felice Darmanin, Sapienza Attard Paolo Attard.

ZEJTUN: Carmelo Mangion, Felicia Mangion, Agnello Desira, Carmel Desira, Agnello Camilleri, Catarin Mercieca, Ricardo Birmingham, Amelia Debono, Giuseppe Grech, Ann Grech, Giuseppe Fenech, Anna Fenech, Concetta De Gabriele, Vincenz De Gabriele, Giuseppe Baldacchin Giulino Baldacchino, Michelina Camilleri.

GHAWDEX

KERCEM: Michelangelo Buhagiar.

**Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn i mejtin għeżież ikollhom deħe sehem mill-quddies li jitqadd fuq il-Qabar ta' Kristu.**